MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 564/2003

**A**

**vs**

**B**

Il-Qorti,

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni datata 6 ta' Gunju 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fit-22 ta' Awissu 2000 u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba swat, sevizzi, eccessi, minacci, adulterju u

ngurji gravi kommessi kontriha da parti ta' l-istess zewgha, kif ukoll li z-zwieg tkisser irrevokabbilment;

Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment tort tal-konvenut;

Illi l-konvenut miz-zwieg 'l hawn qatt ma hadet jew ghadda xi forma ta' manteniment lill-attrici;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet, l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi f'din l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali u dan skond digriet moghti minn dik il-Qorti fil-5 ta' Marzu 2003 (Dok. "A");

Illi ghalhekk, l-istess attrici talbet lill-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi u dan minhabba htija jew htijiet imputabbli unikament lill-konvenut jew skond kif jidhrilha l-Qorti;

2. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kull dritt ta' manteniment minghand l-attrici;
3. Tiddikjara xolta u likwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u konsegwentement tillikwida l-istess u tiddividiha billi tassenja l-istess skond kif il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi tal-kaz, *occorrendo* bl-opera ta' perit nominat sabiex jillikwida l-istess komunjoni u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

4. Tiddikjara propjeta` unika ta' l-attrici dawk l-oggetti mobbli u immobbli li huma parafernali taghha;

5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas manteniment adegwat lill-attrici;

6. Tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghad-dejn li l-konvenut seta' ghamel matul iz-zwieg;

7. Tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikoli 48, 50, 52 u 55 tal-Kodici Civili** sa fejn applikabbli u in partikolari li l-konvenut iddekada mid-drittijiet successjorji tieghu fil-konfront ta’ l-attrici u senjatament li l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni taghha.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri inkorsi quddiem is-Sekond’Awla tal-Qorti Civili u spejjez legali ghall-ittri legali kontra l-konvenut li qed jigi ngunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici u l-lista tax-xhieda a fol. 3 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti minn fol. 5 sa 7 tal-process;

Rat id-digriet ta’ nota guramentata moghti fit-12 ta’ Awissu 2003;

Rat id-digriet ta’ l-affidavits moghti lill-attur fit-12 ta’ Awissu 2003 b’terminu ta’ sittin (60) jum;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 7 ta’ Ottubru 2003 fejn talbet li ssir notifika tal-konvenut wara l-hinijiet legali;

Rat id-digriet tat-8 ta’ Ottubru 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat il-verbal ta’ l-10 ta’ Dicembru 2003 fejn Dr. Anna Mallia tat ruhha b’notifikata bl-avviz tas-smigh tal-kawza u talbet li ssir in-notifika tal-konvenut *ai termini* ta’ l-**artikolu 187 (3) tal-Kap. 12** u l-Qorti laqghet it-talba b’dan li l-pubblikazzjoni ssir f’gazzetta lokali wahda; it-terminu tal-prezentata ta’ l-affidavits ta’ l-attrici gie estiz b’erbghin (40) gurnata;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici tat-28 ta’ Jannar 2004 fejn talbet li x-xhieda msemmija jigu ezentati mis-sigriet professjonali;

Rat id-digriet tad-29 ta' Jannar 2004 fejn il-Qorti laqghet it-talba;
Rat in-nota ta' l-attrici tat-3 ta' Frar 2004 fejn permezz taghha qed tipprezenta l-affidavit taghha (a fol. 28) u n-nota guramentata taghha (a fol. 27);

Rat il-verbal tas-26 ta' Frar 2004;

Rat ir-rikors ta' Dr. Anna Mallia ta' l-24 ta' Frar 2004 fejn talbet differiment u nomina ta' perit legali;

Rat id-digriet tal-25 ta' Frar 2004 fejn il-Qorti rrizervat li tipprovdi *seduta stante;*

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Marzu 2004 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tal-konvenut;

Rat li l-konvenut gie notifikat bil-procedura ta' l-affissjoni a *tergo* ta' fol. 36;

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern a fol. 37 tal-process;

Rat in-nota ta' l-attrici tad-29 ta' April 2004 fejn permezz taghha pprezentat estratt minn gazzetta lokali;

Rat li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bil-proceduri ta' l-affissjoni u tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali, huwa baqa` ma pprezentax nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci;

Rat il-verbal tat-12 ta' Mejju 2004 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju tas-16 ta' Gunju 2004 fejn xehdet WPC33 Maria Dolores Muscat (a fol. 46), ta' Paul Gambina (a fol. 48), ta' A (a fol. 52), ta' Huge Zammit bhala rapprezentant ta' Gasan Mamo Insurance (a fol. 56) u ta' Christopher Darmanin (a fol. 63);

Rat id-dokumenti esebiti fl-istess seduta;

Rat in-nota ta' l-attrici ta' l-24 ta' Gunju 2004 fejn permezz taghha pprezentat xi dokumenti;

Rat il-verbal tal-21 ta' Ottubru 2004;

Rat in-nota ta' l-Assistent Gudizzjarju fejn permezz taghha ddikjarat il-provi maghluqa;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2005 fejn Dr. Anna Mallia, ghall-attrici, ddikjarat li l-attrici tippretendi li l-flus inkassati skond Dok. "EG2" u "EG3" huma ta' l-attrici ghaliex jikkonsistu fi prezz ta' propjeta` parafernali taghha li nbieghet fiz-zwieg u li l-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma ta' erbat elef lira Maltija (Lm4,000) rapprezentanti f'self li hadet mill-Bank sabiex hallset il-karozza li kienet u baqghet fil-pussess tal-konvenut; il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2005.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-partijiet jidher li zzewgu civilment fit-22 ta' Awissu 2000, skond l-attrici sabiex il-konvenut jkun jista' joqghod hawn Malta, peress li huwa stranjier (Libjan), u dan meta l-attrici kellha hamsin (50) sena u l-konvenut kellu tletin (30) sena. Intant l-attrici tghid li l-istess konvenut qatt ma ried jahdem, anzi meta zzewgu waqqaf jahdem u meta sabitlu xoghol huwa abbanduna x-xoghol wara ftit. Tghid li kellha taghmel tajjeb bi flusha parafernali sabiex l-istess konvenut xtara karozza, karozza li baqghet ghandhu, u ghalhekk kellha tiehu self ta' erbat elef lira Maltija (Lm4,000) li spiccat hallset hija mill-flus parafernali taghha, tallega u tixhed li meta ma kienitx trid taghti flus lill-konvenut dan kien jinfexx ikisser u jsabbat u jsawwatha. Wara ftit xhur huwa wkoll abbanduna d-dar fejn kienu joqghodu u tghid li kien ukoll ikkometta adulterju fil-konfront taghha. Konferma ta' dan kollu hemm rapporti li saru mill-attrici mal-Pulizija skond ix-xhieda ta' WPC 33 Maria Dolores Muscat u r-rapporti minnha esebiti u l-attrici

stess fejn jidher li l-konvenut kompla xorta wahda isewgi lill-attrici u jikkawzalha hsara.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-ewwel, it-tieni u s-seba' talba attrici ghandha tigi milqugha u ghalhekk ghandhom jigu applikati kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fl-intier taghhom, b'dan li jigi ddikjarat li l-istess konvenut qatt ma kkontribwixxa xejn la ghall-manteniment ta' l-istess attrici u lanqas ghall-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti, din ghandha tigi ddikjarata xolta b'effett mill-21 ta' Mejju 2003, u jigi ddikjarat li fl-istess komunjoni ta' l-akkwisti ma hemm xejn ta' valur peress li l-istess konvenut qatt ma kkontribiwxxa xejn anzi ghamel dejn ta' erbat elef lira Maltija (Lm4,000) sabiex xtara l-vettura Citroen Reg. No. KAV – 163 li baqghet ghandu u ghalhekk ghandha tibqa' tieghu b'dan li ghandu jhallas lill-attrici l-ammont ta' erbat elef lira Maltija (Lm4,000) li hija hallset mill-beni parafernali taghha sabiex taghmel tajjeb ghad-dejn tieghu u dan kollox kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-attrici datata 16 ta' Gunju 2004 (li in verita' l-Qorti ma tafx ghaliex ma sarx b'affidavit).

Illi in vista' ta' din ix-xhieda, din il-Qorti thoss li ghandha tiddikjara wkoll li l-vettura Reg. No. KBA – 593 hija proprjeta' ta' l-attrici u jigi ddikjarat ukoll li kull ma ghandha fil-pussess taghha l-attrici, nkluz immobbli huma proprjeta' parafernali taghha.

Illi dwar manteniment mill-konvenut lill-attrici jidher li l-istess attrici ghandha dritt ta' manteniment izda ma giet prodotta l-ebda prova li l-istess konvenut qed jahdem u ghalhekk f'din is-sentenza ma jistax jigi likwidat l-ebda ammont ta' manteniment favur l-attrici ghalkemm l-istess dritt jibqa' rizervat favur l-attrici.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk din il-Qorti ghal dawn il-motivi qeghda **taqta' u tiddeciedi** din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi u dan minhabba htijiet imputabbli unikament lill-konvenut u dan *stante* li rrenda ruhhu hati *verso* l-attrici ta' swat, sevizzi, eccessi, minacci, adulterju u ngurji gravi, li kawza ta' l-istess il-hajja bejn il-kontendenti saret impossibbi u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

2. Tilqa' din it-talba u tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kull dritt ta' manteniment minghand l-attrici u f'dan is-sens qed jigi applikati kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16.**

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b'effett mill-21 ta' Mejju 2003 u tiddikjara li fl-istess komunjoni ma hemm l-ebda assi anke peress li l-istess konvenut qatt ma kkontribwixxa ghall-istess, anzi ghamel dejn fl-istess komunjoni fl-ammont ta' erbat elef lira Maltija (Lm4,000) liema ammont, din il-Qorti qed tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallashom u jirrifondihom lill-attrici. Ghal kull effett u buon fini jigi ddikjarat li l-vettura Citroen Reg. No. KAV – 163 jew dak li baqa' minnha u li kienet fil-pussess tal-konvenut ghandha tibqa' tal-konvenut.

Illi ghal kull effett u buon fini tal-ligi din il-Qorti tiddikjara li *in vista* tar-rizultanzi fuq indikati l-vettura Reg. No. KBA – 593 hija proprjeta' ta' l-attrici u jigi ddikjarat ukoll li kull ma ghandha fil-pussess taghha l-attrici, nkluz immobbli huma proprjeta' parafernali taghha.

4. Tilqa' din it-talba konformament ma' dak hawn deciz u tiddikjara propjeta` unika ta' l-attrici dawk l-oggetti mobbli u immobbli li huma fil-pussess taghha bhala beni parafernali taghha;

5. Tiddikjara li l-attrici ghandha dritt ta' manteniment kontra l-konvenut ghaliex l-istess konvenut ghandu l-obbligu li jmantni lill-attrici, izda din il-Qorti b'din id-

decizjoni ma tistax tiffissa rata ta’ manteniment li ghandu jhallas il-konvenut lill-attrici *stante* li ma giet prodotta l-ebda prova dwar l-introjtu tieghu, ghalkemm huwa rizervat kull dritt favur l-attrici li tipprocedi ulterjorment kontra l-konvenut skond il-ligi f’kaz li dan ikun jista’ jigi stabbilit iktar ‘il quddiem.

6. Tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghad-dejn li l-konvenut seta’ ghamel matul iz-zwieg u senjatament tikkonferma dak li gie deciz konformi ghat-tielet talba attrici, fejn il-konvenut gie kkundannat ihallas lill-attrici l-ammont ta’ erbat elef lira Maltija (Lm4,000) rapprezentanti self li hallset l-attrici bil-fondi provenjenti mill-assi parafernali taghha.

7. Tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikoli 48 tal-Kodici Civili** fl-intier taghhom u in partikolari tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet successjorji tieghu fil-konfront ta’ l-attrici u tiddikjara ghal kull effett u buon fini tal-ligi, li l-attrici qed tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni taghha.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri inkorsi quddiem is-Sekond’Awla tal-Qorti Civili u spejjez legali ta’ l-ittri legali kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------